MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 503/2001/1

**Avviz Nru:- 503/01**

**Pater Finance Company Limited**

**vs**

**Nello Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija tnejn u disghin liri Maltin (Lm892) rapprezentanti import ta' sitt kambjali wahda ta' tnax-il lira Maltin (Lm12) u l-ohrajn ta' mija u sitta u sebghin liri Maltin (Lm176) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 2000 sa Mejju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri 1 sa 6 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 t'April 2001 jammontaw ghal tnax-il lira Maltin (Lm12), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tal-atturi, fejn irriducew it-talba taghhom ghas-somma ta' mija u tnejn u disghin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm192.50) oltre l-imghax mis-17 ta' Lulju 2001 u l-ispejjez.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti ghalhekk qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ridotta ta' mija u tnejn u disghin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm192.50).

Bl-imghax legali b'effett mis-17 ta' Lulju tas-sena 2001; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

-------------------------------TMIEM-------------------------------